



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0138 (COD)

10537/1/20
REV 1

TRANS 375
CODEC 768
PARLNAT 159

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmxexxu 'l quddiem it-twerttiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)
-Adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2021

DIRETTIVA (UE) .../...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem
it-twettiq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

Billi:

¹ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 269.

² ĠU C 168, 16.5.2019, p. 91.

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tal-14 ta' Ġunju 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi qafas komuni għall-ħolqien ta' networks interoperabbli mill-aktar avvanzati fl-Unjoni, għas-servizz taċ-ċittadini tagħha, bl-għan li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona unika Ewropea tat-trasport u tal-mobbiltà, u b'hekk isaħħaħ is-suq intern. In-network trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T) huwa kostitwit minn struttura ta' żewġ saffi, li tikkonsisti f'network komprensiv u f'network ewlieni. In-network komprensiv jiżgura l-konnettività tar-reġjuni kollha tal-Unjoni, filwaqt li n-network ewlieni huwa magħmul minn dawk l-elementi tan-network komprensiv li għandhom l-aktar importanza strateġika għall-Unjoni. Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jistabbilixxi miri vinkolanti ta' tlestija, biex in-network ewlieni jitlesti sal-2030 u n-network komprensiv sal-2050, b'mod partikolari billi tingħata prijorità lill-konnessjonijiet transfruntieri, tittejjeb l-interoperabbiltà, u jingħata kontribut għall-integrazzjoni multimodali tal-infrastruttura tat-trasport tal-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

- (2) Minkejja l-ħtieġa li jitlesta t-TEN-T u l-iskadenzi vinkolanti biex dan isir, l-esperjenza wriet li ħafna investimenti bil-għan li jitlesta t-TEN-T isibu quddiemhom multipliċità ta' proċeduri tal-għoti ta' permessi, proċeduri transfruntieri tal-akkwist u proċeduri oħra li huma differenti u kumplessi. Din is-sitwazzjoni tipperikola l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti u, f'bosta każijiet, twassal għal dewmien sinifikanti u aktar spejjeż. Barra minn hekk, tista' tinholq inċertezza għall-promoturi tal-proġetti u għall-investituri privati potenzjali, u f'ċerti każijiet tista' saħansitra twassal biex proġetti ma jitwettqux kif ippjanati fil-bidu. Din id-Direttiva għandha l-għan li tindirizza dawk il-kwistjonijiet u tagħmel it-tlestija sinkronizzata u f'waqtha tat-TEN-T possibbli permezz ta' azzjoni armonizzata fil-livell tal-Unjoni. Fit-tfassil tal-pjanijiet u programmi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-iżvilupp tat-TEN-T, f'konformità mal-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013.
- (3) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkopri proċeduri relatati ma' proġetti, inklużi dawk relatati mal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. Madankollu, din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-ippjanar urban jew tal-użu tal-art, għall-proċeduri relatati mal-għoti ta' kuntratti għal akkwisti pubbliċi, u għall-passi li jittieħdu fil-livell strateġiku li mhumex relatati ma' proġetti, bħall-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi, l-ippjanar baġitarju pubbliku, kif ukoll pjanijiet ta' trasport nazzjonali jew reġjonali. Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri tal-għoti ta' permessi u tiġi żgurata dokumentazzjoni ta' kwalità għolja tal-proġetti, il-promoturi ta' proġett jenħtieġ li jwettqu l-ħidma preparatorja, bħal studji u rapporti preliminari qabel il-bidu tal-proċedura tal-għoti ta' permessi. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tkunx applikabbli għall-proċeduri quddiem awtorità amministrattiva ta' appell, qorti jew tribunal.

- (4) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għal proġetti li huma parti minn sezzjonijiet identifikati minn qabel tan-network ewlieni li huma elenkati fl-Anness ta' din id-Direttiva u għal proġetti oħra fuq il-kurituri tan-network ewlieni bi spiża totali li taqbeż EUR 300 000 000. Il-proġetti li jaqbżu dak l-ammont huma spiss ta' importanza strateġika biex l-istrateġija tal-Unjoni tikseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u jikkontribwixxu biex jinkisbu l-oġettivi tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013. Il-kurituri tan-network ewlieni huma identifikati permezz tal-allinjamenti li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-mapep tan-network ewlieni li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013. Il-bażi teknika ta' dawk il-mapep hija pprovduta mis-sistema interattiva ta' informazzjoni ġeografika u teknika għat-TEN-T (TENtec), li fiha livell oġhla ta' dettall dwar l-infrastruttura trans-Ewropea tat-trasport.
- (5) Il-proġetti relatati esklużivament ma' applikazzjonijiet telematiċi, ma' teknoloġiji ġodda u mal-innovazzjoni jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva peress li l-implimentazzjoni tagħhom mhijiex limitata għan-network ewlieni.
- (6) L-Istati Membri jistgħu, madankollu, japplikaw din id-Direttiva għal proġetti oħra fuq in-network ewlieni u fuq in-network komprensiv, inklużi proġetti esklużivament relatati ma' applikazzjonijiet telematiċi, ma' teknoloġiji ġodda u mal-innovazzjoni, sabiex jinkiseb approċċ armonizzat għal proġetti ta' infrastruttura tat-trasport. Il-pubblikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali ta' listi ta' proġetti individwali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva tista' żżid it-trasparenza għall-promoturi ta' proġetti fir-rigward ta' xogħlijiet li għaddejjin, kif ukoll dawk futuri tul tat-TEN-T.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

- (7) Minħabba l-valutazzjonijiet ambjentali differenti li huma previsti fil-liġijiet rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali, li huma meħtieġa biex jingħataw il-permessi għall-proġetti tan-network ewlieni, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu, fejn ikun fattibbli u adatt, proċedura simplifikata li tissodisfa r-rekwiżiti ta' daww il-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali sabiex tgħin fil-kisba tal-oġġettivi stipulati f'din id-Direttiva mmirata lejn razzjonalizzazzjoni akbar tal-miżuri.
- (8) Jenħtieġ li jingħataw trattament ta' prijorità lill-proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fejn rilevanti. Tali trattament jista' jinkludi skadenzi iqsar, proċeduri simultani jew perijodi ta' żmien limitati għall-appelli, filwaqt li jiżgura li jinkisbu wkoll, f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali, l-oġġettivi ta' politiki orizzontali oħra, bħal politiki ambjentali li għandhom l-għan li jevitaw, jipprevjenu, inaqqsu jew jikkompensaw għal effetti negattivi fuq l-ambjent. Fl-oqfsa legali ta' ħafna Stati Membri jingħataw trattament ta' prijorità lil ċerti kategoriji ta' proġetti abbażi tal-importanza strateġika tagħhom għall-ekonomija. Meta jkun jeżisti tali trattament ta' prijorità f'qafas legali nazzjonali, jenħtieġ li jkun japplika awtomatikament għal proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jittestjaw proċeduri speċifiċi tal-ġoti tal-permessi fuq għadd limitat ta' proġetti sabiex jivvalutaw l-estensjoni potenzjali tagħhom għal proġetti oħra. Matul dan il-perijodu ta' ttestjar, l-Istat Membru konċernat ma għandux ikun obligat japplika tali proċeduri ta' ttestjar għal proġetti oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

- (9) Sabiex issir possibbli l-ġestjoni ċara tal-proċedura ġenerali u biex jiġi pprovdut punt ta' kuntatt għall-promoturi tal-proġetti, il-proġetti fuq il-kurituri tan-network ewlieni jenħtieġ li jkunu appoġġati minn proċeduri effiċjenti għall-ġħoti ta' permessi. Għal dak il-ġħan, l-Istati Membri jenħtieġ jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar skont l-oqfsa legali nazzjonali u l-istrutturi amministrattivi tagħhom u t-tipi ta' proġetti kkonċernati. Fejn Stat Membru jaħtar diversi awtoritajiet, għandu jiżgura li awtorità waħda biss tinħatar għal proġett partikolari u għal proċedura partikolari tal-ġħoti ta' permessi.
- (10) Il-ħatra ta' awtorità li sservi bħala l-punt ta' kuntatt għall-promotur ta' proġett jenħtieġ li tnaqqas il-kumplessità, ittejjeb l-effiċjenza u żżid it-trasparenza tal-proċeduri. Jenħtieġ ukoll, fejn adatt, li din ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-proċeduri jenħtieġ li jippromwovu kooperazzjoni reali bejn il-promoturi ta' proġett u l-awtorità maħtura.
- (11) L-awtorità maħtura tista', inter alia, tiġi fdata b'kompiti relatati mal-koordinazzjoni u l-awtorizzazzjoni, f'konformità mal-liġijiet tal-Unjoni u nazzjonali, ta' proġetti speċifiċi għar-rikostruzzjoni tal-infrastruttura fuq in-network ewlieni fil-każ ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem.
- (12) Il-proċedura prevista f'din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għat-twettiq tar-rekwiżiti tal-liġi internazzjonali u tal-liġi tal-Unjoni, inklużi rekwiżiti għall-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Din id-Direttiva ma għandhiex twassal biex jitbaxxew l-istandards maħsuba biex ikunu evitati, impeduti, imnaqqsa jew ikkumpensati effetti negattivi fuq l-ambjent.

- (13) Minħabba l-urġenza biex jitlesta n-network ewlieni, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-għoti ta' permessi tkun akkumpanjata b'limitu taż-żmien għal proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni biex tinbena l-infrastruttura tat-trasport. Dak il-limitu taż-żmien jenħtieġ jistimola trattament aktar effiċjenti tal-proċeduri, u jenħtieġ li fl-ebda ċirkostanza ma jikkomprometti l-istandards għoljin tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ambjent u l-parteċipazzjoni pubblika. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-limitu ta' żmien għall-proċeduri tal-għoti tal-permessi jiġi estiż f'każijiet debitament ġustifikati, inkluż meta jinqalgħu ċirkostanzi mhux prevedibbli jew fejn dan ikun neċessarju għall-protezzjoni ambjentali. L-estensjoni tista', pereżempju, tiġi espressa b'ħala perijodu ta' żmien jew indikata permezz ta' referenza għal data, jew għal xi avveniment partikolari fil-futur. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien, kif estiż, ma jinkludix, b'mod partikolari, iż-żmien meħtieġ għat-twettiq ta' proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji ta' appell. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jinżammux responsabbli fejn in-nuqqas ta' konformità ma' dak il-limitu ta' żmien ikun ikkawżat mill-promotur tal-proġett, pereżempju fejn il-promotur ta' proġett ma jikkonformax mal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew mal-limiti ta' żmien stabbiliti mill-awtorità maħtura jew fejn il-promotur ta' proġett ikun aġixxa b'dewmien mhux ġustifikabbli.
- (14) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li l-appelli li jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jiġu ttrattati bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

- (15) Il-proġetti ta' infrastruttura tat-TEN-T li jikkonċernaw żewġ Stati Membri jew aktar jiffaċċjaw sfidi partikolari fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-ġhoti ta' permessi. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri konċernati jikkooperaw sabiex jikkoordinaw l-iskedi ta' żmien tagħhom u jistabbilixxu skeda konġunta dwar il-proċedura tal-ġhoti ta' permessi, sa fejn tali koordinazzjoni tal-iskedi ta' żmien tagħhom u tali stabbiliment ta' skeda ta' żmien konġunta jkunu possibbli u adatti skont l-istat ta' thejġija, jew tal-maturità, tal-proġett, li jiddependi l-aktar mill-promotur tal-proġett, speċjalment mid-data li fiha l-promotur tal-proġett ikun innotifika l-proġett lill-awtorità maħtura ta' kull wieħed minn dawk l-Istati Membri.
- (16) Il-Koordinaturi Ewropej maħtura skont ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jenħtieġ li jġu infurmati dwar il-proċeduri rilevanti sabiex jiffaċilitaw is-sinkronizzazzjoni u t-tlestija tagħhom bi thejġija għall-implimentazzjoni f'waqtha tan-network ewlieni sal-2030.
- (17) Fejn it-TEN-T ikun estiż għal pajjiżi terzi, f'konformità mal-mapep indikattivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, dawk il-pajjiżi terzi jenħtieġ li jġu mistiedna japplikaw, fejn rilevanti, regoli simili għal dawk previsti minn din id-Direttiva.

- (18) L-akkwist pubbliku fi proġetti transfruntieri jenħtieġ li jsir f'konformità mat-Trattati u, fejn rilevanti, mad-Direttiva 2014/24/UE¹ jew mad-Direttiva 2014/25/UE², tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex tiġi żgurata t-tlestija effiċjenti tal-proġetti transfruntieri tan-network ewlieni, jenħtieġ li l-akkwist pubbliku li jsir minn entità konġunta jkun soġġett għal-liġi nazzjonali ta' Stat Membru wieħed. B'deroga mil-liġi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku, il-liġi nazzjonali applikabbli jenħtieġ li, fil-prinċipju, tkun dik tal-Istat Membru fejn l-entità konġunta jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha. Jenħtieġ jibqa' possibbli li l-liġi nazzjonali applikabbli tiġi ddeterminata permezz ta' ftehim intergovernattiv. Għal akkwist pubbliku li jsir minn sussidjarja ta' entità konġunta, dik is-sussidjarja jenħtieġ li tapplika l-liġi nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, li tista' tkun il-liġi nazzjonali applikabbli għall-entità konġunta. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-istrategġiji attwali fir-rigward tal-akkwist għandhom jibqgħu applikabbli għal entità konġunta stabbilita qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

¹ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

² Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

- (19) Il-Kummissjoni mhijiex involuta sistematikament fl-awtorizzazzjoni ta' proġetti individwali. Madanakollu, f'xi każijiet, ċerti aspetti tat-tħejjija tal-proġetti huma soġġetti għal approvazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Fejn il-Kummissjoni tkun involuta fil-proċeduri, din ser tagħti trattament ta' prijorità lill-proġetti tal-Unjoni u tiżgura ċertezza lill-promoturi tal-proġetti. F'xi każijiet jaf ikun hemm bżonn approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat. Mingħajr preġudizzju għall-iskadenzi stabbiliti f'din id-Direttiva, u f'konformità mal-Kodiċi tal-Aqwa Prattika għat-tmexxija tal-proċeduri għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex il-proġetti tan-network ewlieni li huma jikkunsidraw bħala prijorità jiġu ttrattati bi skedi taż-żmien aktar prevedibbli taħt l-approċċ tal-portafoll tal-każ jew l-ippjanar reċiprokament miftiehem.
- (20) L-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali fuq in-network ewlieni jenħtieġ li tiġi appoġġata wkoll mil-linji gwida tal-Kummissjoni li jikkjarifikaw aktar l-implimentazzjoni ta' ċerti tipi ta' proġetti filwaqt li jiġi rispettat l-acquis tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2017 intitolat "Pjan ta' Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija" tagħti gwida u tikkjarifika aktar kif għandu jkun hemm konformità mad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE². Sabiex jiġi żgurat l-aqwa valur għall-flus pubbliċi, jenħtieġ li jsir disponibbli għal proġetti l-appoġġ dirett relatat mal-akkwist pubbliku.

¹ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-*habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

- (21) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu razzjonalizzati l-miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twettiq tat-TEN-T, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-ħtieġa li jissaħħa il-qafas tal-proċeduri tal-ġoti ta' permessi għall-proġetti tat-TEN-T permezz ta' azzjoni armonizzata fil-livell tal-Unjoni, pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv.
- (22) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal proċeduri, tal-ġoti tal-permessi, li jkunu bdew qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-proċeduri tal-ġhoti ta' permessi sabiex tiġi awtorizzata l-implimentazzjoni ta':
 - (a) proġetti li jagħmlu parti minn sezzjonijiet identifikati minn qabel tan-network ewlieni kif elenkati fl-Anness;
 - (b) proġetti oħra fuq il-kuritur tan-network ewlieni, kif identifikati skont l-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, bi spiża totali ta' aktar minn EUR 300 000 000,

bl-eċċezzjoni ta' proġetti relatati esklussivament ma' applikazzjonijiet telematiċi, ma' teknoloġiji ġodda u mal-innovazzjoni fis-sens tal-Artikoli 31 u 33 ta' dak ir-Regolament.

Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal akkwisti pubbliċi fi proġetti transfruntieri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva għal proġetti oħra tan-network ewlieni u tan-network komprensiv, inklużi proġetti relatati esklużivament ma' applikazzjonijiet telematiċi, ma' teknoloġiji ġodda u mal-innovazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni" tfisser id-deċiżjoni jew sett ta' deċiżjonijiet, li jistgħu jkunu ta' natura amministrattiva, meħuda simultanjament jew suċċessivament minn awtorità jew awtoritajiet ta' Stat Membru, li ma jinkludux awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji ta' appell, taħt sistema legali nazzjonali u li ġi jddeterminaw jekk promotur ta' proġett ikunx intitolat jimplimenta l-proġett fiż-żona ġeografika kkonċernata jew le, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja ta' appell;
- (2) "proċedura tal-ġhoti tal-permessi" tfisser kwalunkwe proċedura li għandha tiġi segwita relatata ma' proġett individwali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex tinkiseb id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kif meħtieġ mill-awtorità jew l-awtoritajiet ta' Stat Membru, taħt il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, bl-eċċezzjoni ta' ppjanar urban jew tal-użu tal-art, ta' proċeduri relatati mal-ġhoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, u tal-passi li jittieħdu fuq livell strateġiku li ma jirreferux għal proġett speċifiku, bħal valutazzjoni ambjentali strateġika, ippjanar baġitarju pubbliku, kif ukoll pjanijiet ta' trasport nazzjonali jew reġjonali;

- (3) "proġett" tfisser proposta għall-bini, l-adattament jew il-modifika ta' sezzjoni definita tal-infrastruttura tat-trasport li l-għan tagħha jkun it-titjib fil-kapaċità, is-sikurezza u l-effiċjenza ta' dik l-infrastruttura u li l-implimentazzjoni tagħha teħtieġ approvazzjoni permezz ta' deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni;
- (4) "proġett transfruntier" tfisser proġett li jkopri sezzjoni transfruntiera bejn żewġ Stati Membri jew aktar;
- (5) "promotur tal-proġett" tfisser l-applikant għall-awtorizzazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proġett jew l-awtorità pubblika li tibda proġett;
- (6) "awtorità maħtura" tfisser l-awtorità li tkun il-punt ta' kuntatt għall-promotur tal-proġett u li tiffaċilita l-ipproċessar effiċjenti u strutturat ta' proċeduri tal-għoti tal-permessi f'konformità ma' din id-Direttiva;
- (7) "awtorità konġunta" tfisser awtorità stabbilita bi ftehim reċiproku bejn żewġ Stati Membri jew aktar biex tiffaċilita l-proċeduri tal-għoti ta' permessi relatati ma' proġetti transfruntieri, inklużi awtoritajiet konġunti stabbiliti minn awtoritajiet maħtura fejn daww l-awtoritajiet maħtura jkunu ngħataw is-setgħa minn Stati Membri biex jistabbilixxu awtoritajiet konġunti.

Artikolu 3

Status ta' prijorità

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw li l-awtoritajiet kollha, inkluża l-awtorità maħtura, involuti fil-proċedura tal-għoti tal-permessi, esklużi l-qrati u t-tribunali, jagħtu prijorità lill-proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. Fejn ikunu jeżistu, taħt il-liġi nazzjonali, proċeduri speċifiċi tal-għoti tal-permessi għal proġetti ta' prijorità, l-Istati Membri għandhom, mingħajr preġudizzju għall-oġettivi, ir-rekwiżiti u l-limiti ta' żmien ta' din id-Direttiva, jiżguraw li l-proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jiġu ttrattati taħt daww il-proċeduri. Dan ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jittestjaw proċeduri speċifiċi tal-għoti tal-permessi fir-rigward ta' għadd limitat ta' proġetti, sabiex jivvalutaw l-estensjoni potenzjali tagħhom għal proġetti oħra, mingħajr ma jkollhom japplikaw tali proċeduri għal proġetti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni baġitarja.

Artikolu 4

Awtorità Maħtura

1. Sa ... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], kull Stat Membru għandu jaħtar, fil-livell amministrattiv adatt, l-awtoritajiet li jkollhom jaġixxu bħala awtorità maħtura.

2. Stat Membru jista', fejn rilevanti, jaħtar awtoritajiet differenti bħala l-awtorità maħtura skont il-proġett jew il-kategorija tal-proġetti, il-mod ta' trasport, jew iż-żona ġeografika. F'tali każ, l-Istat Membru għandu jiżgura li jkun hemm awtorità maħtura waħda biss għal proġett partikolari u għal proċedura partikolari tal-ġoti tal-permessi.
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprovdu lill-promoturi tal-proġetti b'informazzjoni li tkun faċilment disponibbli dwar l-identità tal-awtorità maħtura għal proġett partikolari.
4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità maħtura biex tiegħu d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

Meta tingħata s-setgħa li tiegħu d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni skont l-ewwel subparagrafu, l-awtorità maħtura għandha tivverifika li jkunu nkisbu l-permessi, id-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet kollha meħtieġa għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni u għandha tinnotifika d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni lill-promotur tal-proġett.

5. Fejn l-awtorità maħtura ma jkollhiex is-setgħa li tiegħu d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-promotur tal-proġett jiġi nnotifikat bl-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.
6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità maħtura biex tistabbilixxi limiti ta' żmien indikattivi għall-passi intermedjarji differenti tal-proċedura tal-ġoti tal-permessi skont l-Artikolu 6(1), mingħajr preġudizzju għal-limitu ta' erba' snin imsemmi f'dak il-paragrafu.

7. L-awtorità maħtura għandha:

- (a) tkun il-punt ta' kuntatt għall-informazzjoni għall-promotur tal-proġett u għal awtoritajiet rilevanti oħra involuti fil-proċedura li twassal għad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni għal proġett partikolari;
- (b) tipprovdi lill-promotur tal-proġett, fejn hekk tkun meħtieġa tagħmel taħt il-liġi nazzjonali, id-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(4), inkluża informazzjoni dwar il-limiti taż-żmien indikattivi relatati mal-proċeduri tal-għoti tal-permessi, f'konformità mal-limitu ta' żmien ta' erba' snin imsemmi fl-Artikolu 5(1);
- (c) tissorvelja l-iskeda ta' żmien tal-proċedura tal-għoti tal-permessi, u b'mod partikolari tirreġistra kwalunkwe estensjoni tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 5(4);
- (d) jekk mitluba, tagħti gwida lill-promotur tal-proġett fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha, inklużi l-permessi, id-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet kollha meħtieġa li jinkisbu u jiġu pprovduti għad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

L-awtorità maħtura tista' wkoll tagħti gwida lill-promotur tal-proġett dwar liema informazzjoni u/jew dokumenti addizzjonali għandhom jiġu ppreżentati f'każ li n-notifika kif imsemmija fl-Artikolu 6(1) ġiet miċħuda.

8. Il-paragrafu 7 huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' kwalunkwe awtorità oħra involuta fil-proċedura tal-għoti tal-permessi u għall-possibbiltà li l-promotur tal-proġett jikkuntattja lill-awtoritajiet individwali għall-permessi, deċiżjonijiet jew opinjonijiet speċifiċi li jkunu parti mid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

Artikoli 5

It-tul ta' żmien tal-proċedura tal-ġoti tal-permessi

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċedura tal-ġoti tal-permessi, inklużi l-iskadenzi għal dik il-proċedura, li ma għandhiex teċċedi erba' snin mill-bidu tal-proċedura tal-ġoti tal-permessi. L-Istati Membri jistgħu jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jaqsmu l-perijodu disponibbli f'passi differenti u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u ma' dik nazzjonali.
2. Il-perijodu ta' erba' snin imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mil-liġi internazzjonali u mil-liġi tal-Unjoni u ma għandux jinkludi perijodi li jkunu meħtieġa biex jiġu istitwiti proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji ta' appell u biex jintalbu rimedji ġudizzjarji quddiem qorti jew tribunal, kif ukoll kwalunkwe perijodu li jkun meħtieġ biex jiġu implimentati kwalunkwe deċiżjoni jew rimedji riżultanti.
3. Il-perijodu ta' erba' snin imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru li jipprevedi li l-proċedura tal-ġoti tal-permessi għandha tiġi finalizzata permezz tal-adozzjoni ta' att leġislattiv nazzjonali speċifiku, f'liema każ, il-proċedura għall-adozzjoni ta' dak l-att tista', b'deroga mill-paragrafu 1, teċċedi l-perijodu ta' erba' snin dment li l-ħidma preparatorja, li abbażi tagħha l-att leġislattiv nazzjonali jiġi adottat, tiġi konklużi f' żmien dak il-perijodu. Il-ħidma preparatorja għandha titqies li tintemm meta l-att leġislattiv nazzjonali speċifiku jiġi introdott lill-parlament nazzjonali.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, f'każijiet debitament ġustifikati, tkun tista' tingħata estensjoni xierqa għall-perijodu ta' erba' snin imsemmi fil-paragrafu 1. It-tul tal-estensjoni għandu jiġi determinat skont il-każ, għandu jkun debitament ġustifikat u limitat għall-fini li titlesta l-proċedura tal-ġhoti tal-permessi u li tingħata d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. Meta tkun ingħatat tali estensjoni, il-promotur ta' proġett għandu jkun infurmat bir-raġunijiet għall-ġhoti tagħha. Tista' tingħata estensjoni oħra darba, taħt l-istess kondizzjonijiet.
5. L-Istati Membri ma għandhomx jinżammu responsabbli fejn il-perijodu ta' erba' snin imsemmi fil-paragrafu 1, kif estiż skont il-paragrafu 4, ma jiġix rispettat fejn id-dewmien imġarrab ikun dovut għall-promotur tal-proġett.

Artikolu 6

L-organizzazzjoni tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi

1. Il-promotur tal-proġett għandu jinnotifika l-proġett lill-awtorità maħtura jew, fejn xieraq, lill-awtorità konġunta stabbilita taħt l-Artikolu 7(2). In-notifika tal-proġett mill-promotur tal-proġett għandha sservi bħala l-bidu tal-proċedura tal-ġhoti tal-permessi.
2. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-maturità tal-proġett, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu l-livell ta' dettall ta' informazzjoni u d-dokumenti rilevanti li għandhom jiġu pprovduti mill-promotur tal-proġett meta jinnotifika proġett. Jekk il-proġett ma jkunx matur, in-notifika għandha tiġi miċħuda permezz ta' deċiżjoni debitament ġustifikata mhux aktar tard minn erba' xhur wara r-riċezzjoni tan-notifika.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-promoturi tal-proġetti jirċievu informazzjoni ġenerali bħala gwida għan-notifika, adattata, fejn rilevanti, għall-mod tat-trasport ikkonċernat, li tkun tinkludi informazzjoni dwar il-permessi, id-deċiżjonijiet u l-opinjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implementazzjoni ta' proġett.

Dik l-informazzjoni għandha, għal kull permess, deċiżjoni jew opinjoni, tinkludi dan li ġej:

- (a) informazzjoni ġenerali dwar l-ambitu materjali u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-promotur tal-proġett;
- (b) il-limiti ta' żmien applikabbli jew, fin-nuqqas ta' tali limiti ta' żmien, limiti ta' żmien indikattivi; u
- (c) dettalji tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati normalment involuti f'konsultazzjonijiet marbuta mal-permessi, deċiżjonijiet u opinjonijiet differenti.

Dik l-informazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli għall-promoturi tal-proġetti rilevanti kollha, b'mod partikolari permezz ta' portali ta' informazzjoni elettroniċi jew fiżiċi.

4. Sabiex tkun iffaċilitata notifika b'suċċess, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-awtorità maħtura tistabbilixxi, fuq talba mill-promotur ta' proġett, deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni li tinkludi l-informazzjoni, li ġejja, li titfassal ad hoc għall-proġett individwali:

- (a) l-istadji individwali tal-proċedura u l-limiti ta' żmien applikabbli jew, fin-nuqqas ta' tali limiti ta' żmien, limiti ta' żmien indikattivi;
- (b) l-ambitu materjali u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mill-promotur tal-proġett;

- (c) lista ta' permessi, deċiżjonijiet u opinjonijiet li għandhom jinkisbu mill-promotur tal-proġett matul il-proċedura tal-għoti tal-permessi, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u ma' dik nazzjonali;
 - (d) id-dettalji tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati li għandhom ikunu involuti relattivament għall-obbligi rispettivi, inkluż matul il-fażi formali tal-konsultazzjoni pubblika.
5. Id-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni għandha tibqa' valida matul il-proċedura tal-għoti tal-permessi. Kull emenda li ssir fid-deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni għandha tkun debitament ġustifikata.
 6. L-awtorità maħtura tista' tipprovdi lill-promotur tal-proġett, fuq talba, l-informazzjoni li tissupplimenta l-elementi msemmija fil-paragrafu 4.
 7. Meta l-promotur tal-proġett ikun ippreżenta l-fajl komplut tal-applikazzjoni għal proġett, id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni għandha tiġi adottata fil-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 5(1).
 8. L-awtoritajiet involuti fil-proċedura tal-għoti tal-permessi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità maħtura li l-permessi, deċiżjonijiet, opinjonijiet jew deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni li kienu meħtieġa jkunu nħarġu.

Artikolu 7

Koordinazzjoni tal-proċeduri transfruntieri tal-għoti tal-permessi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, għal proġetti li jikkonċernaw żewġ Stati Membri jew aktar, li l-awtoritajiet maħtura ta' daww l-Istati Membri jikkooperaw biex jikkoordinaw l-iskedi ta' żmien tagħhom u jaqblu dwar skeda ta' żmien konġunta fir-rigward tal-proċedura tal-għoti tal-permessi.
2. Għal proġetti transfruntieri, tista' tiġi stabbilita awtorità konġunta.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Koordinaturi Ewropej nominati taħt l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jirċievu informazzjoni dwar il-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi u li l-Koordinaturi Ewropej jistgħu jiffaċilitaw il-kuntatti bejn l-awtoritajiet maħtura fil-kuntest tal-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi għal proġetti li jikkonċernaw żewġ Stati Membri jew aktar.
4. L-Istati Membri għandhom, jekk ma jiġix osservat il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 5(1), u fuq talba, jipprovdu informazzjoni lill-Koordinaturi Ewropej ikkonċernati dwar il-miżuri meħuda jew ippjanati li jittieħdu biex il-proċedura tal-ġhoti tal-permessi tkun tista' tiġi konklużi bl-inqas dewmien possibbli.

Artikolu 8

L-akkwist pubbliku fi proġetti transfruntieri

1. Meta l-proċeduri tal-akkwist jitwettqu minn entità konġunta fi proġett transfruntier, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-entità konġunta tapplika l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru wieħed u, b'deroga mid-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE, dik il-liġi għandha tiġi determinata skont il-punt (a) tal-Artikolu 39(5) tad-Direttiva 2014/24/UE jew il-punt (a) tal-Artikolu 57(5) tad-Direttiva 2014/25/UE, kif applikabbli, sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-Istati Membri parteċipanti li jipprevedi mod ieħor. Tali ftehim għandu, fi kwalunkwe każ, jipprevedi l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali waħda ta' Stat Membru wieħed għall-proċeduri tal-akkwist imwettqa minn entità konġunta.

2. Għall-akkwist pubbliku mwettaq minn sussidjarja ta' entità konġunta, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sussidjarja tapplika l-liġi nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li s-sussidjarja għandha tapplika l-liġi nazzjonali applikabbli għall-entità konġunta.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal proġetti li għalihom il-proċeduri tal-għoti tal-permessi jkunu bdew qabel ... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
2. L-Artikolu 8 għandu japplika biss għal dawk il-kuntratti li għalihom tkun inħarġet is-sejħa għal kompetizzjoni, jew, f'każijiet fejn ma tkunx prevista sejħa għal kompetizzjoni, fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun bdiet il-proċedura ta' akkwist wara ... [24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
3. L-Artikolu 8 ma għandux japplika għal entità konġunta stabbilita qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] jekk il-proċeduri tal-akkwist ta' dik l-entità jibqgħu jkunu regolati mil-liġi applikabbli għall-akkwisti tagħha f'dik id-data.

Artikolu 10

Rappurtaġġ

1. Għall-ewwel darba sa ... [ħames snin u sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u sussegwentement f'intervalli regolari, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u r-riżultati tagħha.
2. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri kull sentejn u għall-ewwel darba sa ... [ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], fir-rigward tal-ġhadd ta' proċeduri tal-ġhoti tal-permessi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, it-tul medju tal-proċeduri tal-ġhoti tal-permessi, l-ġhadd ta' proċeduri tal-ġhoti tal-permessi li jeċċedu l-limitu taż-żmien u l-istabbiliment ta' kwalunkwe awtorità konġunta matul il-perijodu ta' rappurtaġġ.

Artikolu 11

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ..(24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva). Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Sezzjonijiet identifikati minn qabel ta' konnessjonijiet transfruntieri u konnessjonijiet nieqsa fil-kuritur tan-network ewlieni [msemija fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1)]

Kuritur tan-network ewlieni "Atlantiku"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Évora – Mérida	Ferrovija
	Vitoria-Gasteiz – San Sebastián – Bayonne – Bordeaux	
	Aveiro – Salamanca	
	Ix-xmara Douro (Via Navegável do Douro)	Passaġġi fuq l-ilma interni
Konnessjonijiet nieqsa	Linji ferrovjarji interoperabbli fil-Peniżola Iberika mingħajr il-qisien standard tal-UIC	Ferrovija
Kuritur tan-network ewlieni "Baltiku – Adrijatiku"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Katowice/Opole – Ostrava – Brno Katowice – Žilina Bratislava – Vjenna Graz – Maribor Venezja – Trieste – Divača – Ljubljana	Ferrovija
	Katowice – Žilina Brno – Vjenna	Toroq
Konnessjonijiet nieqsa	Gloggnitz – Mürzzuschlag: Mina ta' bażi ta' Semmering Graz – Klagenfurt: Linja ferrovjarja u mina ta' Koralm Koper – Divača	Ferrovija

Kuritur tan-network ewlieni "Mediterran"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Barçellona – Perpignan	Ferrovija
	Lyon – Turin: mina ta' bażi u rotot ta' aċċess	
	Nizza – Ventimiglia	
	Venezja – Trieste – Divača – Ljubljana	
	Ljubljana – Zagreb	
	Zagreb – Budapest	
	Budapest – Miskolc – fruntiera mal-Ukrajna	
	Lendava – Letenye	Toroq
	Vásárosnamény – fruntiera mal-Ukrajna	
Konnessjonijiet nieqsa	Almería — Murcia	Ferrovija
	Linji ferrovjarji interoperabbli fil-Peniżola Iberika mingħajr il-qisien standard tal-UIC	
	Perpignan – Montpellier	
	Koper – Divača	
	Rijeka – Zagreb	
	Milan – Cremona – Mantova – Porto Levante/Venezja – Ravenna/Trieste	Passaġġi fuq l-ilma interni

Kuritur tan-network ewlieni "Baħar tat-Tramuntana – Baltiku"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Tallinn – Rīga – Kaunas – Varsavja: Linja ferrovjarja ġdida ta' Rail Baltic b'qisien standard tal-UIC kompletament interoperabbli	Ferrovija
	Świnoujście/Szczecin – Berlin	Ferrovija u passaġġi fuq l-ilma interni
	il-Kuritur Via Baltica EE-LV-LT-PL	Toroq
Konnessjonijiet nieqsa	Kaunas – Vilnius: parti mil-linja ferrovjarja l-ġdida ta' Rail Baltic b'qisien standard tal-UIC kompletament interoperabbli	Ferrovija
	Varsavja/Idzikowice – Poznań/Wrocław, inkluż konnessjonijiet mal-Hub tat-Trasport Ċentrali ppjanat	
	Nord-Ostsee-Kanal	Passaġġi fuq l-ilma interni
	Berlin – Magdeburg – Hannover; Mittellandkanal; kanali fil-Ġermanja tal-Punent	
	Ix-xmara Rin, ix-xmara Waal	
	Noordzeekanaal, IJssel, Twentekanaal	
Kuritur tan-network ewlieni "Baħar tat-Tramuntana – Mediterran"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Brussell jew Bruxelles – Lussemburgu – Strasburgu	Ferrovija
	Terneuzen – Gent	Passaġġi fuq l-ilma interni
	Ix-xmara Seine – network tax-xmara Scheldt u l-baċini relatati tax-xmajjar Seine, Scheldt u Meuse	
	Kuritur Rin-Scheldt	
Konnessjonijiet nieqsa	Albertkanaal/Canal Albert u Kanaal Bocholt-Herentals	Passaġġi fuq l-ilma interni

Kuritur tan-network ewlieni "Orjent/Lvant tal-Mediterran"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Dresden – Praga/Kolín	Ferrovija
	Vjenna/Bratislava – Budapest	
	Békéscsaba – Arad – Timișoara	
	Craiova – Calafat – Vidin – Sofija – Thessaloníki	
	Sofia – fruntiera mas-Serbja/fruntiera mal-MK	
	Fruntiera mat-Turkija – Alexandroupoli	
	Fruntiera mal-MK – Thessaloniki	
	Ioannina – Kakavia (fruntiera mal-Albanija)	Toroq
	Drobeta Turnu Severin/Craiova – Vidin – Montana	
	Sofia – fruntiera mas-Serbja	
	Hamburg – Dresden – Praga – Pardubice	Passaġġi fuq l-ilma interni
Konnessjonijiet nieqsa	Igoumenitsa - Ioannina	Ferrovija
	Praga – Brno	
	Thessaloniki – Kavala – Alexandroupoli	
	Timitoșoara – Craiova	
Kuritur tan-network ewlieni " Rin – Alpi"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Zevenaar – Emmerich – Oberhausen	Ferrovija
	Karlsruhe – Basel	
	Milano/Novara – fruntiera mal-Iżvizzera	
		Basel – Antwerp/Rotterdam – Amsterdam
Konnessjonijiet nieqsa	Ġenova – Tortona/Novi Ligure	Ferrovija
	Zeebrugge – Gent	

Kuritur tan-network ewlieni "Rin – Danubju"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Munich – Praga	Ferrovija
	Nuremberg – Plzeň	
	Munich – Mühldorf – Freilassing - Salzburg	
	Strasburgu – Kehl Appenweier	
	Hranice – Žilina	
	Košice – fruntiera mal-Ukrajna	
	Vjenna – Bratislava/Budapest	
	Bratislava – Budapest	
	Békéscsaba – Arad – Timișoara - fruntiera mas-Serbja	
	Bucharest – Giurgiu - Rousse	
	Ix-xmara Danubju (Kehlheim - Constanța/Midia/Sulina) u l-baċini marbuta magħha tax-xmajjar Váh, Sava u Tisza	Passaġġi fuq l-ilma interni
Konnessjonijiet nieqsa	Zlín – Žilina	Toroq
	Timișoara - fruntiera mas-Serbja	
	Stuttgart – Ulm	Ferrovija
Konnessjonijiet nieqsa	Salzburg – Linz	
	Craiova – Bucharest	
	Arad - Sighișoara – Brașov - Predeal	

Kuritur tan-network ewlieni "Skandinavu – Mediterran"		
Konnessjonijiet transfruntieri	Fruntiera mar-Russja – Helsinki	Ferrovija
	Copenhagen – Hamburg: Rotot ta' aċċess għall-konnessjoni fissa tal-Istrett ta' Fehmarn	
	Munich – Wörgl – Innsbruck – Fortezza – Bolzano – Trento – Verona: mina ta' bażi ta' Brenner u r-rotot ta' aċċess għaliha	
	Gothenburg - Oslo	
	Copenhagen – Hamburg: Linja fissa tal-Istrett ta' Fehmarn	Ferrovija/Toroq
